II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1262/2011

tal-5 ta' Diċembru 2011

li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 fir-rigward tal-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa ffirmaw Ftehim dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar fis-26 ta' Ottubru 2007 [2] ("il-Ftehim").

(2) L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim jistipula li kwantitajiet mhux użati f'sena speċifika jistgħu jintużaw għas-sena ta' wara sa massimu ta' 7 % tal-limitu rilevanti kwantitattiv imsemmi fl-Anness II tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 3(4) tal-Ftehim, jistgħu jsiru trasferimenti bejn il-gruppi ta' prodotti sa 7 % tal-limitu kwantitattiv ta' grupp speċifiku ta' prodotti.

(4) Ir-Russja għarrfet lill-Unjoni Ewropea bl-intenzjoni tagħha li tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) u 3(4) fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-Ftehim. B'riżultat tat-talba Russa, huwa xieraq li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għal-limiti kwantitattivi għas-sena 2011.

(5) L-Artikolu 10 tal-Ftehim jistipula li ma' kull tiġdid annwali, il-kwantitajiet f'kull grupp ta' prodotti għandhom jiżdiedu bi 2,5 %.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2007 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1342/2007 huwa sostitwit bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 300, 17.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 300, 17.11.2007, p. 52.

ANNESS

"ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI

(Tunnellati)

Prodotti	Sena 2011	Sena 2012
Prodotti ċatti SA.		
SA1. Kojls	1 230 897	1 142 446
SA2. Pjanċa Tqila	297 127	303 549
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	676 140	656 769
SA4. Prodotti lligati	113 444	115 900
SA5. Pjanċi kwarto lligati	27 011	27 595
SA6. Pjanċi llegati rrumblati fil-ksieħ u miksijin	121 096	121 419
SB. Prodotti twal		
SB1. Travi	63 570	60 710
SB2. Virga tal-wajer	374 481	357 635
SB3. Prodotti twal oħrajn	586 180	559 633

Nota: SA u SB huma kategoriji ta' prodotti
SA1 sa SA6 u SB1 sa SB3 huma gruppi ta' prodotti."